# Sant Anton

## *kitba ta' J.J. Camilleri*



Il-Kavallieri kienu Ordni reliġjuża marbutin b'ċertu voti, iżda minkejja kollox kienu wkoll nies li jħobbu l-ħajja u x-xalar. Il-granmastri, ħafna minnhom ikkupjaw ħajjiet ir-rejjiet ta' żmienhom li għixu fil-ġid u l-lussu. Pinto, per eżempju stenna li s-slaten fl-Ewropa jqisuh wieħed minnhom.

Verdala bena għalih il-kastell li għadu jġib ismu fil-Buskett. Hemm kien jgħaddi s-sajf għall-frisk u joħroġ għall-Kaċċa. La Valette qablu, kellu hawn ukoll dar għax il-passatemp tiegħu ewlieni kien li jikkaċċja l-isqra. Fil-fatt fid-dar t'hawn miet fl-1568. Il-Buskett kien irranġah Verdala bil-passaġġi mkennijin, bil-għejun ta' l-ilma u bis-siġar tal-frott, ma kienx minn dejjem ġnien miftuħ għall-pubbliku. Lascaris bena l-moll, għalmenu b'intenzjonijiet oħra. Ried li l-kavaliieri żgħażagħ imorru hawn biex jagħmlu eżerċizzi fiżiċi u jehdew fil-logħob. L-intenzjoni biex ibiegħdhom mit-tentazzjonijiet tal-ħajja. L-inkwiżitur ukoll bena l-palazz tiegħu tal-villeġġjatura fil-girgenti qrib is-Siġġiewi.



Il-Granmastru De Paul għażel in-naħa tat-tliet irħula biex jibni l-palazz tiegħu ta' Sant' Anton. Dik in-naħa ta' Malta kienet magħrufa sa ftit ilu għall-ġonna kbar tal-larinġ. Il-palazz bil-ġonna miegħu nbena fl-1625. Il-granmastru De Rohan żied il-kappella fl-1775.



Il-ġonna fihom siġar tal-frott u dekorattivi, funtani u vaski għall-ħut ta' l-ilma ħelu. Wara li telqu l-kavallieri, il-palazz sar ir-residenza tal-gvernaturi Ingliżi. Meta l-Franċiżi telqu minn Malta, hawn kienet ġiet iffirmata l-kapitulazzjoni. Fl-1877, kienet twieldet fil-palazz il-prinċipessa Victoria Melita. Illum Sant' Anton jitqies ir-residenza tal-President ta' Malta, għad li parti mill-ġnien hija miftuħa għall-pubbliku. Fil-bidu l-ġonna kienu l-propjetà privata tal-granmastru u għalhekk semmihom għall-qaddis li ismu Sant' Anton.

Meta Anton De Paul miet fl-1636 dak il-palazz sar propjetà ta' l-Ordni u b'hekk baqgħu jgawduh il-granmastri li ġew wara bħala residenza tas-sajf. Il-granmastru kien iħobb il-ħajja u jgħix ta' sinjur li kien.

Fil-fatt il-palazz imżejjen u armat kif kien xieraq lil aqwa prinċep. Kienu jsiru hawn ħafna riċevimenti u festi ta' l-okkażjoni. Jingħad li l-granmastru kien jgħaddi mit-toroq bil-karozzella tiegħu mżejna ukkumpanjat ma' xi mitejn kavallier ta' sikwit.

Dan il-granmastru Antoine de Paul baqa' msemmi wkoll għax kien ġab lil Perit Floriani de Mercato biex jibda' l-fortifikazzjoni ta' barra l-belt. Fil-fatt il-Floriana ġiet imsemmija għal dak il-perit. Baqa' msemmi l-granmastru li pprova jibni wkoll Kasal Paula jew Raħal Ġdid. Iżda l-inħawi fosthom il-belt kibret u ħadet ir-ruħ meta De Paul kien ilu li miet.